KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

1 ta'Frar 2011

Ref: 53/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 53**

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Ufficini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 1 ta' Frar 2011.

Il-laqgha bdiet fis-6.00pm.

Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Seychell.

Il-Kunsilliera Borg Myatt u Mark Ferris kienu skuzati.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg.

Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-Laqgha nru. 52 gew approvati nem con.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ma tressqet l-ebda korrispondenza.

## 3. Tenders

3.1 Is-Segretarju informa lill Kunsill li t-Tender ghax-xiri ta' vettura reggha gie mahrug minhabba teknikalita'.

3.2 Il-Kunsill wara li ddiskuta l-offerti ddecieda li tintaghzel l-orhos offerta, dik ta' Montebello Ent. ghas-somma ta' 9,800 Euros.

## 4.Impjegati

4.1 Il-Bord ta' l-Interviews hejja rapport rigward l-ghazla ta' zewg haddiema mal-Kunsill Lokali Paola. Fir-rapport gew indikati 3 persuni li tnejn minnhom jista' jkun hemm il-possibilta' li l-ewwel impjieg ahjar li jsibu dawn jitilqu u jew ikomplu bl-istudju taghhom.

4.2 Is-Segretarju spjega ukoll li il gwida tad-DKL hija li t-Tlett kandidati maghzula la huma minn fuq il-lista ta' Skala 15 ma jistghux jigu mpjegati mill-ewwel fuq skala ghola.

4.3 Wara diskussjoni il-Membri li kienu fuq il-board ta' l-ghazla, is-Sindku u l-Kunsillier Dalli, qabblu li jastjenu fuq din l-ghazla biex il-kumplament tal-Kunsill ikun jista' jiehu l-ahjar decizjoni.

4.4 Il-Kunsilliera l-ohra prezenti qabblu li jintghazlu s-Sur Christian Zammit u s-Sinjura Josephine Camilleri, fuq Skala 15 fuq il-hames notch.

4.5 Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill biex l-Impjegati prezenti, jigifieri Alison Panzavecchia u Anthony Gatt jitilghu skala rispettivament skond il-Collective Agreement.

4.6 Is-Sindku hareg mill-kamra minhabba konflit ta'interess, il-V/sindku ppresjeda d-diskussjoni.

4.6 Il-Kunsill approva unanimament li Alison Panzavechia titla ghal skala 11 fil-hames notch u Anthony Gatt jitlgha fuq Skala 13 fil-hames notch.

4.7 Is-Sindku rega' dahal fil-Kamra.

## 5 Performance Bonus

5.1 – Is-Sindku u s-Segretarju pprezentaw r-rapport fuq l-impjegati kollha, meta kien diskuss il-Perf. Bonus tas Sur Gatt is-Sindku hareg mill-kamra.

5.2 Il-Kunsill wara diskussjoni iddecieda li s-Segretarju, is-Sinjorina Panzavecchia, u s-Sur Gatt jinghataw il-Massimu izda is-Sur Schiberras ma jinghata xejn.

## 6. Rapport Amministrattiv

6.1 Is-Sindku pprezenta r-rapport amministrattiv ghas-sena 2010.

6.2 Il-Kunsill iddecieda li l-laqgha tal-lokalita ssir fil-15 ta' Frar 2011 fis-6.00pm.

## 7. Aggornament

7.1 Laqgha ohra ser tinzamm nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011 fis-6.00pm.

7.2 Il-laqgha giet maghluqa fis-7.35pm.

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku